# L-Arloġġ Malti tal-Lira



"Imqiegħed bħal għassa
Fit-tokk minn tad-dar,
In-ngħas bik ma jagħmel
La lejl u la nhar."

Il-mastrudaxxa, l-arluġġar, il-pittur u l-induratur. Dawn l-erba' artiġġjani kollha jagħtu sehmhom biex jitfassal u jinħadem l-arloġġ Malti, jew kif inhu magħruf aħjar, l-arloġġ tal-Lira. Skont is-Sur Guido Lanfranco, l-arloġġ Malti jgħidulu wkoll tal-Lira għaliex meta jdoqq jagħmel l-istess ħoss simili għal strument Grieg li jismu *'Lyra'*. Hawn però min għandu ideat differenti. B'sengħa u ħila kbira, dan l-arloġġ kien wieħed mill-isbaħ biċċiet għamara fi djar ta' nies nobbli, kavallieri u kjeriċi.

Huwa diffiċli biex wieħed jistabbilixxi eżatt l-oriġini ta' dan l-arloġġ. Huwa maħsub li dan l-istil ta' arloġġ huwa mnissel minn-niċeċ li huma simili ħafna fid-disinn. Analiżi li kienu saru juru li l-arloġġ Malti tal-Lira għandu tradizzjoni antika u jmur lura sas-seklu sbatax fejn dan l-arloġġ sar rikonoxxut bħala prodott Malti pur u xi ħaġa eżemplari tal-manifattura lokali.

Oriġinarjament l-arloġġ Malti kien jikkonsisti fil-kaxxa tan-nofs biss, però maż-żminijiet żdiedulu l-kuruna u wara l-mensola. L-injam li kien jiġi maħdum minnu l-arloġġ huwa dak magħruf bħala tal-punent. Daż-żmien jintuża wkoll l-injam tal-abjad. Il-kaxxa tikkonsisti fi tliet partijiet oħra li huma: l-bieba prinċipali bil-ħġieġa, il-bieba li jkun hemm il-kwadrant tal-arloġġ imwaħħla magħha u l-kwadrant tal-arloġġ li miegħu fuq in-naħa ta' wara jeħel il-mekkaniżmu tal-arloġġ. L-idejn tal-minutiera u tas-sigħat ikunu mwaħħla fiċ-ċentru tal-wiċċ tal-arloġġ. In-naħa t' isfel tal-kwadrant fiha fetħa li minnha jidher il-pendlu. Il-bieba prinċipali ta' barra jkollha ħġieġa ħalli b'hekk wieħed jipproteġi l-minutieri u l-mekkaniżmu mit-trabijiet u tbagħbis żejjed. Apparti l-mekkaniżmu, il-ħġieġa hija wkoll indikazzjoni ta' kemm l-arloġġ għandu żmien. Dan għaliex fl-imgħoddi l-ħġieġ kien ta' kwalità inferjuri u kien ikun immewweġ u mhux daqstant lixx.

L-arloġġ għandu żewġ fetħiet żgħar f'kull ġenb tal-kaxxa li bħall-kumplament tad-dekorazzjoni huma simetriċi. Dawn iservu ħalli meta jdoqq, il-ħoss jinstema' sewwa. Il-kuluri li ġeneralment kien jinżebagħ bihom l-arloġġ huma; ikħal ċar jew skur, aħdar skur jew aħdar ikanġi fl-ikħal, aħmar jew marun, u iswed. Dan isir biex jinħoloq kuntrast bejn l-induratura u l-kulur tal-arloġġ għal skopijiet artistiċi. Hawn min jgħid però li l-kuluri

wżati kienu marbuta mal-iskala tas-soċjetà ta' min kien jordnah. L-aħmar huwa marbut mal-kavallieri, l-iswed mal-kleru u l-aħdar tan-negozjant.

Il-kwadrant tal-arloġġ huwa wkoll magħmul mill-injam. Huwa jkun fih tmien passati ġibs, filwaqt li l-kumplament tal-kaxxa jkun fiha aktar minn għaxar passati. L-artist kien jiddekora l-kwadrant billi jpinġi xi fjuri fuq l-erba' kantunieri, filwaqt li fin-nofs kien ipoġġi n-numri miktubin bir-Ruman u li wkoll kienu jkunu mpinġija bl-idejn. Il-minutiera u tas-sigħat kienu jkunu magħmula mir-ramm. Il-pittura fin-nofs tal-kwadrant tal-arloġġ kienet tkun ikkummissjonata minn min ikun ordnah u kienet tikkonsisti minn xena f'xi raħal jew xi bini importanti. Din kienet tagħmel parti mill-karatteristika biex ikompli jissaħħaħ is-suq Malti f'dik li hija arti. Dawn l-arloġġi minn dejjem kellhom prezz għoli, u għalhekk il-produzzjoni tagħhom kienet limitata. Kienu n-nies nobbli u ta' ċertu stoffa finanzjarja li kienu jordnaw dawn l-arloġġi. Il-post li ġeneralment kien isib ruħu l-arloġġ, kienet is-sala l-kbira li ħafna drabi kienet tkun mimlija b'dekorazzjonijiet, sufanijiet u għamara mill-aktar rikka.

Meta wieħed kien ikun irid jordna arloġġ, kien imur għand l-induratur li kien jieħu nota tad-daqs u d-disinn u mbagħad kien iqabbad mastrudaxxa tal-fiduċja tiegħu biex jaħdimlu l-kaxxa. L-induratur kien ikun jaf ukoll min huma l-aqwa arluġġara. Maż-żminijiet ċertu prattiċi nbiddlu, u hawn min bħas-Sur Joe Micallef, jaħdem l-injam u jindura l-arloġġ huwa stess.

Is-sinjuri kienu jordnaw deheb veru għall-induratura, però min kien jixtieq arloġġ u l-introjtu finanzjarju tiegħu ma kienx daqshekk sostenibbli, l-induratura kienet issir bil-fidda u fuqha jingħata tip ta' verniċ li l-induraturi jsibuh ukoll bħala mistura. Dan kien jagħmel il-fidda tixbaħ lid-deheb illustrat.



## Il-proċess tal-induratura

Il-proċess biex issir l-induratura fuq l-arloġġ huwa wieħed twil u ta' paċenzja kbira. Tkellimt mas-Sur Joe Micallef, bniedem professjonali fix-xogħol tal-injam, l-induratura u t-tagħlim tagħhom, u spjegali ftit fuq dan il-proċess.

Wara li tinħadem il-kaxxa, din tingħata tliet passati kolla biex wieħed jissiġilla kemm jista' jkun l-injam u wkoll biex ix-xoqqa jkollha ma xiex taqbad. Ix-xoqqa titwaħħal kull fejn ikun hemm xi ġonta jew inglettatura, ħalli jekk l-injam jagħmel xi moviment, il-ġibs ma jinqasamx.



Wara li tinxef il-kolla, l-arloġġ jibda jingħata passati ta' kolla mħallta mal-ġibs. Dan il-proċess isir kollu banju-marija. B'kollox trid tingħata madwar ħmistax-il passata. Bl-aħħar passata, l-arloġġ jinħasel ħalli jingħalqulu l-pori li jista' jkun tħallew waqt il-proċess tal-ġibs. Meta kull parti tal-

arloġġ tkun nixfet sew, dan jiġi xkatlat biex jinħoloq wiċċ fin ħafna.

Il-proċess li jkun imiss issa huwa li jitpoġġa d-disinn. Ġeneralment id-disinn ikun simetriku, jiġifieri li kull nofs ikun l-istess. Ta' min jinnota li s-simetrija hija waħda mir-regoli fl-arti u fl-arkitettura Barokka. Fil-fehma tiegħi, dan it-tip ta' arloġġ nassoċjah mal-era Barokka, kemm minħabba ż-żmien li evolva fih, kif ukoll minħabba d-disinn elaborat u l-forma tiegħu. Wara li jitpoġġa d-disinn, dan irid jingiref b'għodda apposta. Dan il-proċess iservi għal żewġ raġunijiet. L-ewwel biex meta tagħti l-bull, id-disinn ma jintilifx u t-tieni ħalli meta l-induratur ikun qed jiżbogħ madwar l-indurar, ikollu gwida ma' xiex iżomm.



Wara li jingiref id-disinn, l-arloġġ jingħata l-bull. Dan iservi bħala bażi għad-deheb. Huwa l-bull li jagħmel id-deheb ileqq.

L-istadju li jmiss huwa wieħed ta' paċenzja kbira speċjalment meta wieħed ikun għadu qed jitgħallem. It-tqegħid tad-deheb huwa proċess li jsir b'attenzjoni għaliex il-folji huma tant irqaq li anke ma' ftit ċaqliq din taf tintwielek. Hawnhekk ta' min jgħid li d-deheb tista' ssibu f'karati differenti. Dan jagħmel effett ukoll fir-riżultat ta' kemm id-deheb jiġi jleqq. Il-folja tad-deheb titpoġġa fuq kuxin u tinqata' b'sikkina apposta. B'pinzell ċatt, b'xagħar twil u fin, wieħed itella' d-deheb u jpoġġih fuq id-disinn li jkun imxarrab bl-ilma. Qabel wieħed jillostra d-deheb b'għodda apposta li jissejħu imbornituri, dan il-proċess irid jitħalla jinxef. Il-perjodu li jitħalla jinxef mhuwiex dejjem l-istess. Il-kundizzjoni tal-atmosfera u t-temperatura jilagħbu parti importanti f'dan il-proċess. Is-Sur Joe Micallef jgħid li kull arloġġ għandu storja għalih. Jekk tagħmel għaxar arloġġi, għalkemm il-proċess huwa dejjem l-istess, l-induratur jiltaqa' ma' problemi differenti li għalkemm jiġu solvuti, il-mod kif tegħleb id-diffikultà partikolari huma differenti. Hawnhekk tgħallem ħafna l-esperjenza.

Dan il-proċess, bħall-oħrajn, jieħu ftit fit-tul. Issa la x-xogħol tal-illustrar huwa lest, jibda x-xogħol fuq l-aħħar irtokki li huwa ż-żebgħa madwar id-disinn. B'paċenzja u preċiżjoni, l-induratur jiżbogħ madwar id-disinn bi pniezel irqaq. Iż-żebgħa tingħata passati fini ħalli kemm jista' jkun l-induratur jelimina d-daqqiet tal-pinzell.



Issa li l-induratura fuq il-kaxxa tal-arloġġ hija lesta, ikun imiss li tintrama l-magna mal-kwadrant fejn tkun saret il-pittura. Jintramaw ukoll il-biċċiet l-oħra kollha peress li kif semmejt fil-bidu l-arloġġ jikkonsisti f'sitt partijiet.

Din is-sengħa antika tal-induratura qed terġa' tieħu xi ftit tar-ruħ għaliex sa ftit żmien ilu kienet qed tmajna xi ftit. Nixtieq ngħid grazzi kbira lis-Sur Joe Micallef għall-informazzjoni li għaddieli u għaliex bit-tagħlim tiegħu għadu qed iżomm ħajja din is-sengħa hekk importanti u sabiħa.

"Arloġġ aħjar minnek
Ix-xemx ta' kuljum:
Bil-lejl torqod magħna,
Bi nhar magħna tqum. *(Dun Karm Psaila)*


***Referenzi :***
**Galea-Naudi Joseph, Micallef Dennis** – *Guide to Maltese Furniture*; Orbit Ltd, 1993
**Manduca John** - *Antique Maltese Clocks*; Progress Co. Ltd, 1992- *The Maltese Clock* – **Patrick Formosa** pp. 36-42.
**Psaila Dun Karm** – *Poeżiji miġbura* ; Klabb Kotba Maltin, 1980.

**Ritratti:** *Stanley Cauchi*


***Home Made Traditional Maltese Clock***
***Personalized design***
*Skultura, Ikoni,*
*Pittura u lostru bit-Tajjara*
***(Gilding course also available)***
*for Further Information*
*Contact:* ***Joe Micallef***
*Tel:* ***2144 6600***
*Mob:* ***9980 2762***
***38, Carini Street, St. Venera***





**Fresh Fruit & Vegetables**
**George & Joseph Falzon Co. Ltd.,**
***Għal kull tip ta' ħaxix, frott u xitel.***
5, Luqa Road, Qormi • Paola Market, Paola
Tel: 2144 6299, 2149 7413
**Naċċettaw ordnijiet għar-Ristoranti**